



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Baġits*

---

**2013/0128(COD)**

2.10.2013

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprevedi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (COM(2013)0242 – C7-0119/2013 – 2013/0128(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Nadezhda Neynsky

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Mill-bidu tal-2011, l-ekonomija tal-Ġordan kienet milquta b'mod sinifikanti minn avvenimenti interni relatati mar-Rebbiegħa Għarbija kif ukoll mill-inkwiet reġjonali li ma jaqtax, b'mod partikolari fil-pajjiżi ġirien, l-Eġittu u s-Sirja, li żied l-influss tar-rifuġjati. Anqas turiżmu u anqas dħul ta' investiment barrani dirett (IDB), prezzijiet oġhla tal-enerġija u t-tfixkil ripetut tal-provvista tal-gass naturali mill-Eġittu fixklu t-tkabbir ekonomiku u b'hekk irriżultaw f'deterjorament fil-bilanċ tal-pagamenti u tal-pożizzjoni fiskali.

Minkejja l-isforzi ta' konsolidament fiskali sostanzjali u s-sostenn finanzjarju minn donaturi barranin (inkluż Ftehim Stand-By (SBA) mal-FMI ta' USD 2 biljun għal 36 xahar), għad fadal ħtiġijiet finanzjarji u ħtiġijiet ta' bilanċ tal-pagamenti sinifikanti. Billi l-prospettiva u s-sitwazzjoni ekonomiċi qed jeħżienu, il-Gvern tal-Ġordan talab assistenza makrofinanzjarja mill-UE li tammonta għal EUR 200 miljun.

Fid-dawl tal-importanza strateġika tal-pajjiż fil-kuntest tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u skont l-Artikolu 212 tat-TFUE, il-Kummissjoni ppreżentat proposta leġiżlattiva għall-assistenza makrofinanzjarja għar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan li tammonta għal EUR 180 miljun ta' self fuq terminu medju. Is-self ikun iffinanzjat permezz ta' operazzjoni ta' teħid b'self mill-Kummissjoni u l-ispejjeż baġitarji tal-assistenza se jikkorrispondu għall-proviżjonament, b'rata ta' 9 %, tal-ammonti żburżati fil-fond ta' garanzija għal self estern tal-UE, mil-linja baġitarja 01 04 01 14 ("Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija"). Il-proviżjonament huwa maħsub li jseħħ fil-baġits tal-2015 u tal-2016.

L-assistenza makrofinanzjarja proposta se tkun ta' natura eċċezzjonali u limitata għal perjodu ta' żmien u se timxi b'mod parallel mal-Ftehim ta' Kreditu ta' Riżerva tal-FMI imma fuq medda ta' żmien iqsar. Hija kumplementari għall-assistenza fornuta minn donaturi multilaterali u bilaterali oħra fil-kuntest tal-programm sponsorizzat mill-FMI.

L-assistenza se tkun disponibbli f'żewġ ħlasijiet parzjali fuq perjodu ta' sentejn b'xi "frontloading" minħabba l-urġenza tal-bżonnijiet finanzjarji. L-ewwel ħlas parzjali huwa mistenni fl-aħħar tal-2013 għal ammont ta' EUR 100 miljun u t-tieni wieħed fl-ewwel nofs tal-2014 għal ammont ta' EUR 80 miljun.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

## Emenda 1

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 10

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) L-objettivi speċifiċi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom ikunu sabiex jissaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà fis-sistemi tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-Ġordan, u sabiex jiġu promossi r-riformi strutturali li għandhom l-għan li jappoġġjaw it-tkabbir sostenibbli u inklussiv, il-ħolqien tax-xogħol u ***l-konsolidazzjoni*** fiskali. Il-Kummissjoni għandha tagħmel monitoraġġ regolari fuq dawn l-objettivi.

#### *Emenda*

(10) L-objettivi speċifiċi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom ikunu sabiex jissaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà fis-sistemi tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-Ġordan, u sabiex jiġu promossi r-riformi strutturali li għandhom l-għan li jappoġġjaw it-tkabbir sostenibbli u inklussiv, ***itejbu il-qafas regolatorju u l-klima għall-investimenti u għall-proliferazzjoni tal-SMEs***, il-ħolqien tax-xogħol, ***ir-riforma tat-taxxa u l-konsolidament*** fiskali. Il-Kummissjoni għandha tagħmel monitoraġġ regolari fuq dawn l-objettivi.

## Emenda 2

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni, li taġixxi skont il-proċedura ta' eżami li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 6(2), tkun mogħtija s-setgħa li taqbel mal-awtoritajiet tal-Ġordan dwar il-politika ekonomika u l-kundizzjonijiet finanzjarji meħmuża mal-assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni, li għandhom jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Qbil li għandu jinkludi perjodu ta' żmien għat-twettiq tagħhom (minn hawn 'il quddiem "Memorandum ta' Qbil"). Il-politika ekonomika u l-kundizzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu konsistenti mal-ftehimiet jew l-akkordji msemmija fl-Artikolu 1(3). Dawn il-kundizzjonijiet jimmiraw, b'mod partikolari, li jsaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tas-sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi

#### *Emenda*

1. Il-Kummissjoni, li taġixxi skont il-proċedura ta' eżami li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 6(2), tkun mogħtija s-setgħa li taqbel mal-awtoritajiet tal-Ġordan dwar il-politika ekonomika u l-kundizzjonijiet finanzjarji meħmuża mal-assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni, li għandhom jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Qbil li għandu jinkludi perjodu ta' żmien għat-twettiq tagħhom (minn hawn 'il quddiem "Memorandum ta' Qbil"). Il-politika ekonomika u l-kundizzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu konsistenti mal-ftehimiet jew l-akkordji msemmija fl-Artikolu 1(3). Dawn il-kundizzjonijiet jimmiraw, b'mod partikolari, li jsaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tas-sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi

fil-Ġordan, inkluż l-użu tal-assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni. Il-Kummissjoni tagħmel monitoraġġ regolari biex tara li qed isir progress *fl-ihug* ta' dawn l-oġġettivi.

fil-Ġordan, inkluż l-użu tal-assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni, *kif ukoll li jippromwovu r-riformi strutturali li għandhom l-għan li jappoġġjaw it-tkabbir sostenibbli u inklussiv, il-ħolqien tax-xogħol u l-konsolidament fiskali*. Il-Kummissjoni tagħmel monitoraġġ regolari biex tara li qed isir progress *fl-ilhug* ta' dawn l-oġġettivi.

## PROCĊEDURA

<b>Titolu</b>	Assistenza makrofinanzjarja għar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan
<b>Referenzi</b>	COM(2013)0242 – C7-0119/2013 – 2013/0128(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 23.5.2013
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 23.5.2013
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Nadezhda Neynsky 20.5.2013
<b>Data tal-adozzjoni</b>	2.10.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 33 –: 1 0: 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Reimer Böge, Zuzana Brzobohatá, Jean Louis Cottigny, Jean-Luc Dehaene, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Jens Geier, Ivars Godmanis, Lucas Hartong, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Sergej Kozlík, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, George Lyon, Jan Mulder, Vojtěch Mynář, Nadezhda Neynsky, Andrej Plenković, Dominique Riquet, Alda Sousa, László Surján, Oleg Valjalo, Derek Vaughan, Angelika Werthmann
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Susy De Martini, Andreas Pitsillides, Peter Šťastný, Georgios Stavrakakis, Theodor Dumitru Stolojan
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Eva Ortiz Vilella